## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 27 TA' LULJU, 2001

**Numru: 4**

**Avviz Nru: 1961/00AE**

**Anthony Dimech**

**vs**

**Joseph Muscat u b'digriet tat-Tribunal tat-22 ta' Frar 2001 gie msejjah fil-kawza Kevin Attard**.

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur li permezz taghha talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas dik is-somma li tigi likwidata mit-Tribunal u pagabbli bhala danni, meta l-konvenut jew persuna awtorizzata minnu fis-27 ta' Lulju 2000 gewwa l-Marsa, saq il-vettura bin-numru JOS 125 b'mod traskurat, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolament tat-traffiku u kkagunalu hsara fuq il-vettura propjeta tieghu bin-numru ta' registrazzjoni HAA 735. Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha ecepixxa li huwa qatt ma kien involut fl-incident tat-traffiku meritu tal-vertenza, u f'kull kaz l-incident sehh minhabba tortijiet imputabbli lill-attur. Min-naha tieghu l-konvenut ressaq ukoll kontro-talba li permezz taghha talab il-likwidazzjoni u hlas ta' danni li sofra fil-vettura tieghu fl-incident meritu tal-kawza.

Ra r-risposta ta' l-attur ghall-kontro-talba li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha ecepixxa li huwa ma kellu ebda htija ghall-akkadut.

Ra d-digriet moghti mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-22 ta' Frar 2001 u li permezz tieghu gie msejjah fil-kawza Kevin Attard.

Ra r-risposta ta' Kevin Attard li permezz taghha ecepixxa li l-incident sehh minhabba nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku min-naha ta' l-attur u li hu ma kellu ebda responsabbilta ghall-akkadut.

Semgha t-trattazzjoni li saret fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2001.

Ra l-atti tal-kawza inkluz il-verbal tat-13 ta' Lulju 2001 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

1. Illi din il-kawza titratta dwar incident tat-traffiku li sehh gewwa l-Marsa fis-27 ta' Lulju 2000. Skond il-verzjoni moghtija mill-partijiet, dan l-incident sehh fi *triq sekondarja* li hemm gewwa l-Marsa u li ma tinfidx.

2. Mill-provi rrizulta li l-vettura tal-marka Seat bin-numru JOS 125 hija propjeta tal-konvenut, pero' dakinhar ta' l-incident kienet qeghda tinstaq mill-imsejjah fil-kawza Kevin Attard.

3. Illi l-vettura tal-marka Seat Cordoba kienet ipparkjata. Il-parti ta' quddiem tal-vettura kien qeghda thares fid-direzzjoni tal-parti tat-triq li ma tinfidx. Fil-hin ta' l-incident il-vettura JOS 125 kienet diga' harget kompletament mill-parking. Peress li ried johrog minn din it-triq sekondarja u jidher li ma kienx hemm spazju bizzejjed biex idawwar il-karrozza f'manuvra wahda, l-imsejjah fil-kawza beda jirriversja sabiex il-vettura li kien qieghed isuq tigi thares l-barra.

4. Fil-frattemp fil-post fejn kienet ipparkjata l-vettura misjuqa mill-imsejjah fil-kawza, dahlet il-vettura misjuqa mill-attur u hadet postha. Min-naha l-ohra s-sewwieq tal-vettura Seat Cordoba baqa' ghaddej bil-manuvra ta' *reverse* u spicca biex laqat il-vettura ta' l-attur. Il-hsara li saret fuq il-vettura JOS 125 tidher fir-ritratt li gie ezebit minn Kevin Attard fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2001. Il-hsara li saret fuq il-vettura ta' l-attur kienet fuq il-parti ta' quddiem fuq in-naha tal-passiggier.

5. Kemm l-attur u l-imsejjah fil-kawza qabblu li fil-hin ta' l-incident il-vettura ta' l-attur kienet diga' hadet postha fil-*parking space* li minnu kienet ghadha kif harget il-vettura Ibiza Cordoba. L-imsejjah fil-kawza xehed li meta nizel mill-vettura tieghu l-magna tal-vettura ta' l-attur kienet ghadha mixghula.

6. Illi mix-xhieda li ta l-attur fis-seduta tal-20 ta' April 2001, jidher li kien ra lill-imsejjah fil-kawza hiereg mill-parking. Fil-fatt ighid: *"Il-konvenut Kevin*

*Attard kien ipparkjat fejn dhalt nipparkja jien. Meta hareg, dhalt jien floku. Hu hareg bil-quddiem u ma setax idawwar; ghalhekk irriversja".*

7. It-Tribunal huwa tal-fehma li mill-atti processwali jirrizulta li waqt li s-sewwieq tas-Seat Cordoba kien qieghed jaghmel il-manuvra ta' *reverse*, huwa naqas milli jzomm *'a proper lookout'*. L-imsejjah fil-kawza xehed (seduta tat-13 ta' Lulju 2001) li waqt li kien qieghed jirriversja ma kienx qieghed ihares lura pero' kien qieghed ihares mill-mera tal-karrozza li kien qieghed isuq. Li kieku dan kien minnu zgur li kien jara l-vettura ta' l-attur li dahlet u hadet postha fil-*parking space*. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-imsejjah fil-kawza ma rax il-vettura ta' l-attur tiehu postha fil-*parking space* u f'dawk il-mumenti kien aljenat. Huwa baqa' jirriversja u laqat il-vettura ta' l-attur. Fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2001 xehed, *"Jiena ma nafx jekk meta saret il-habta il-vettura tal-attur kenitx wieqfa jew kenitx ghadha miexja. Jiena sempliciment smajt il-hoss"*. Fil-fehma tat-Tribunal dan il-kliem ikompli jikkonferma li fil-hin ta' l-incident l-imsejjah fil-kawza ma kienx qieghed ihares ghal dak li hemm warajh u baqa' gej bir-rivers sakemm laqat il-vettura ta' l-attur.

8. Id-danni sofferti mill-attur f'dan l-incident jirrizultaw li huma fl-ammont ta' sebghin lira Maltija (Lm70) (ara invocie mahrug minn Manuel Garage), danni li fl-ebda stadju tal-proceduri ma' gew ikkontestati mill-konvenut jew mill-imsejjah fil-kawza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi:

(i) Jiddikjara lill-imsejjah fil-kawza responsabbli ghall-incident li sehh fis-27 ta' Lulju 2000 gewwa l-Marsa u li fih saret hsara il-vettura tal-marka Datsun propjeta ta' l-attur.
(ii) Jikkundanna lill-imsejjah fil-kawza jhallas lill-attur is-somma ta' sebghin lira Maltija (Lm70) bhala danni sofferti minnu fl-istess incident.
(iii) Jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenut Joseph Muscat.
(iv) Jichad il-kontro-talba ntavolata mill-konvenut Joseph Muscat fil-konfront ta' l-attur, salv u mpregudikat kwalsiasi dritt li jista' ghandu fil-konfront ta' l-imsejjah fil-kawza.

L-ispejjez ta' l-attur ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-imsejjah fil-kawza Kevin Attard, b'dan li l-attur ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-konvenut Joseph Muscat limitatament ghal dak li jirrigwarda r-risposta. L-ispejjez tal-kontro-talba u r-risposta ta' l-attur ghall-istess, ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut Joseph Muscat. Eskluzi mill-ispejjez huma d-dritt ta' l-avukati u jew tal-prokuratur legali u dan skond l-Artikolu 10(2) tal-Kap. 380. L-imghax ghandu jiddekorri mil-lum.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**(Gudikatur).**